L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

10

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru 42

Kastilja, 27 ta' Awissu 1980

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joseph Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |

Prezenti wkoll:

| | |
|---|---|
| Dr C Mifsud Bonnici | |
| Is-Sur Joe Borg | |
| Is-Sur V Esposito | |
| Is-Sur E W Micallef | Segretarju |

Imsiefrin:

| | |
|---|---|
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji u tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 41.

2/...

THAFFIR GHAZ-ZEJT

Wara li l-Prim Ministru gharraf lill-Kabinett b'dak kollu li kien gara matul l-ahhar gimgha, il-Ministri qablu:

1. Fuq stqarrija ghall-istampa (kopja meghmuza);

2. Li l-personal Libjan bl-uniformi jigi mgieghel jitlaq minn Malta mmedjatament;

3. Li kull kuntatt mal-Libjani (inkluz il-Popular Office) kellu jsir permezz tal-Foreign Office taghna;

4. Li n-numru ta' diplomatici fl-'Ambaxxata' Libjana li jgawdu l-privileggi diplomatici ma jkunx izjed minn dak tad-diplomatici Maltin fi Tripli;

5. Li jittiehdu passi man-"Non-Aligned Movement" bil-hsieb li l-Bureau tal-Moviment jikkundanna l-Libja ghall-agir taghha;

6. Li jitressaq il-kaz quddiem is-Security Council sabiex il-Libja ma tkomplix bil-provokazzjoni permezz tat-theddid u minacci.

Il-Ministri qablu wkoll li ghandhom jahsbu ghall-possibbilta ta' firda shieha mal-Libja u ghalhekk kellhom jittiehdu passi biex ikun hemm xi Gvern 'caretaker' li jiehu hsieb l-interessi Maltin fil-Libja u, mill-banda l-ohra, li jittiehdu il-passi kollha mehtiega biex il-vojt li kien jirrizulta (investimenti, impiegi, ecc) jigi mimli minn pajjizi Gharab ohra.

L-ITALJA

Wara t-tahdidiet mas-sotto Segretarju Zamberletti, kien hemm zvilupp importanti fin-negozjati ma' l-Italja, fis-sens li issa l-Italja kienet qed taccetta li l-garanzija ghad-difiza kellha tkun effettiva mmedjatament u minghajr ma tigi mistennija l-istqarrija ta' garanzija simili minn xi pajjiz iehor u li il-ftehim kellu jibda jopera mmedjatament malli jigi ffirmat, minghajr ma noqghodu nistennew li tghaddi ligi fil-Parlament Taljan.

.................... 1/9/80.
Segretarju tal-Kabinett

....................
Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Ftit xhur ilu il-Gvern Socjalista Malti ha id-decizjoni li jibda jhaffer ghaz-sejt fil-parti tal-qiegh tal-bahar - li skond il-principji li s'issa imxew fuqhom in-nazzjonijiet civilizzati - taghha il-poplu Malti huma is-sidien. Il-Gvern Socjalista Malti xandar fil-berah li mhux ser jaghti kaz aktar tal- "claims" tal-Gvern tal-Libja, ghaliex:

(1) Il-Gvern tal-Libja permess tal-Ministru tieghu, Ben Amer, fil-prezenza tal-Kurunell Gaddafi, fit-23 ta' Mejju 1976, iffirma ftehim mal-Ministru Wistin Abela li l-kwistjoni ta' min huwa is-sid ta' qiegh il-bahar bejn Malta u l-Libja titressaq quddiem il-Qorti Internazzjonali;

(2) Il-Maggur Jalloud (l'id il-leminija tal-Kurunell Gaddafi), il-bniedem li kien qieghed igieghel lill-Kurunell Gaddafi u l-Gvern tal-Libja jergghu lura mill-kelma moghtija u ffirmata, fl-ahhar laqgha li kellu l-Prim Ministru Malti mieghu fi Tripli fit-23 ta' April 1980, quddiem id-Delegazzjoni Maltija u quddiem ministri u ufficjali Libjani, minn jeddu, ta weghda solenni li qabel ma jghaddi Gunju tal-1980 il-Libja tkun accettat li tmur quddiem il-Qorti Internazzjonali skond il-ftehim iffirmat fl-1976.

Ghaldaqstant il-Gvern Malti hareg ordnijiet lil AMOCO u t-TEXACO biex jew jibdew ihaffru skond il-licenzja mghotija lilhom fl-1974, jew jitilfu id-drittijiet taghhom kollha. Ghalkemm il-Vici President tal-AMOCO personalment accetta li jibda t-thaffir, meta mar quddiem il-Bord tieghu, dawn bezghu mir-riskju u m'accettawx. Ghaldaqstant il-licenzja tal-AMOCO issa spiccat.

./... 2

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Min-naha taghhom it-TEXACO sabu "sub-contractor" Taljan, l-ENI, biex iqabbdilhom rig - Saipem Due - halli taht kuntratt ihaffer hofra f'qiegh il-bahar fix-xlokk ta' Malta, 68 mil il-boghod mix-xtajta taghna. Ta' min izomm f'rasu li bejn ix-xatt ta' Malta u ta' dak tal-Libja l-inqas boghod huwa ta' 196 mil.

Il-gimgha l-ohra fl-20 ta' Awissu 1980, il-Kumpanija TEXACO infurmat lill-Gvern Malti li submarine u bicca ohra tal-gwerra Libjana kienu qed iduru mar-rig li kien qed itajjar bandiera Taljana u li fuqu kellu jahdmu Taljani, Maltin, Amerikani u xi persuni ta' nazzjonijiet ohra. F'hin minnhom il-bicca tal-gwerra Libjana tat messagg lill-kaptan tar-rig li hu qieghed kontra l-ligi fl-ibhra taghhom u li jekk ma jieqafx mit-thaffir u jitlaq minn fuq il-post, il-Gvern tal-Libja jasal anke biex juza l-forza kontra tieghu. Ordni bhal din li intbaghtet lill-Kaptan tas-Saipem Due intbaghtet ukoll lit-TEXACO. Il-Gvern Malti gie infurmat ukoll li l-Gvern Libjan sab il-Kap tal-Kumpanija Saipem fil-Libja, Sig Salletti, arrestah u heddu li jekk il-kumpanija tieghu ma twarrabx ir-rig Saipem Due, il-konsegwenzi ghalih ikunu koroh. Il-Gvern ta' Malta informa lit-TEXACO li min-naha tal-Gvern tal-Libja huwa ma rcieva xejn u li it-TEXACO m'ghandhomx jibzghu mit-theddid u ghandhom jaqdu id-dmirijiet taghhom skond il-licenzja. It-TEXACO irrispondew lill-Gvern tal-Libja b'telegramm fl-20 ta' Awissu 1980, fejn qalulhom li jaqblu mal-Gvern Malti li qiegh il-bahar ghandu jinqasam nofs bin-nofs u li fit-8 ta' Gunju 1975, meta il-Libjani kienu jafu bil-licenzja li nghatat lit-TEXACO - ghax dawn jigu mxandra kullimkien - il-Gvern tal-Libja qalilhom biex ma jhaffrux f'postijiet li l-Libja tghid li huma taghha u dawn il-postijiet kienu il-boghod hafna



L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

mill-hofra tat-TEXACO. Ghalhekk it-TEXACO qalulhom bil-galbu li xi hadd minnhom ha zball. B'danakollu il-Gvern Libjan, minghajr ma ndenja ruhu jgharraf b'xejn lill-Gvern Malti, baqa' jbezza' lill-kuntrattur Taljan li kien qed jahdem taht bandiera Taljana sakemm irnexxielu jiehu l-weghda tal-Kaptan fit-22 ta' Awissu 1980, kontra x-xewqa tal-Gvern Malti u l-pariri tat-TEXACO, li huwa jieqaf mit-thaffir minnufih u jibda jiksi il-gnub tal-hofra halli tinghalaq minghajr ma jigri hsara fl-inhawi.

Malli l-Gvern Socjalista Malti sar jaf li min-naha tas-sub-contractor Taljan kienu cedew ghaliex semplicement kellhom theddida, hareg ordni, biex il-Gvern tal-Libja bil-fatti jkun jaf li Malta tqis l- agir taghhom bhala ghemil tal-ikbar ghadu, li bhala l-ewwel pass ser jigu mkeccija minn Malta dawk il-Libjani kollha li kienu qeghdin jaqdu lill-poplu Malti bl-uniformi Libjana. Dan ghaliex dawn il-persuni minn hbieb iridu jigu issa meqjusa bhala periklu ghall-harsien tal-helsien ta' pajjizna. Parti minn dawn is-suldati telqu l-bierah filghaxija, il-parti l-ohra jitilqu llum flimkien mal-helicopter taghhom.

Sadanittant il-Gvern Malti irid ihabbar lid-dinja kollha li qiegh il-bahar fejn saret il-hofra huwa proprjeta' tal-poplu Malti u li l-Libja, bl-imgieba taghhom, li l-ewwel jiffirmaw ftehim li jmorru quddiem il-Qorti Internazzjonali imbaghad jiddisoneraw dan il-ftehim billi juzaw il-forza, huma periklu ghas-sliem fil-Mediterran.



L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Baqa' it-tama li dak kollu li sar il-gimgha l-ohra setgha ma kienx jaf bih il-Kurunell Gaddafi. Izda issa kull pass biex din it-tilwima tispicca u z-zewg popli jergghu lura ghall-hbiberija ta' qabel imiss lil Libja u li bil-fatti u mhux aktar bil-kliem juru is-soghba ghall-agir li lanqas ma jisthoqq lill-akbar ghadu.

Il-poplu Malti, li ghadu kemm hareg rebbieh minn glieda qalila halli jikseb il-helsien tighu, mhux ser jaqta' qalbu, m'huwiex ser iciedi id-drittijiet tieghu ghaliex haddiehor huwa armat aktar u ghandu flus aktar.

Il-Gvern Socjalista Malti jaf li f'din it-tilwima li l-Libja qalghet kontra taghna bla bzonn ghandu l-poplu kollu warajh u jiehu dawk il-mizuri kollha u jaghmel dawk is-sagrificcji kollha li jkun hemm bzonn halli jwassluna biex qiegh il-bahar bejn Malta u l-Libja jinqasam skond il-haqq u mhux jirbah minn jaghmilha tal-"Bully" u minn jhedded l-aktar.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA